Jikteb il-President Onorarju

# Il-Floriana hija Subborg? Le, Belt? Iva

*mill-Komm. Simon A. Bonello*

**Ħafna mingħalihom qed jonoraw lill-Floriana meta jsejħulha subborg. Fil-fehma tiegħi u ta' ħafna li jaħsbuha bħali għall-kuntrarju jkunu qed inaqqsulha ħafna minn ġieħha. Skond dizzjunarju awtorevoli Ingliz, The Oxford Dictionary, il-kelma subborg tfisser distrett ġo belt, fil-kaz tagħna parti mill-Belt Valletta. Naturalment dan ma hu xejn minnu għal diversi raġunijiet. Sfortunatament fil-Floriana beda jkun hemm enfasi li tiġi deskritta bħala subborg minn nies li kienu jgawdu ċerta fama ftit wara t-Tieni Gwerra Dinjija.**

Meta ċ-ċertifikati tal-Magħmudija ta' dawk mgħammda fil-Parroċċa ta' San Publju kienu joħorgu bil-Latin fuq nett taċ-ċertifikati kien ikun hemm miktuba l-kliem Civitatis Vilhenae Vulgo Floriana, jiġifieri l-Belt Vilhena magħrufa bħala Floriana.

Is-subborgi huma distretti residenzjali x'aktarx monotoni fejn ma ssibilhom xejn ta' importanza. Ma jkollhomx la sindki u lanqas kunsilli. Huwa fatt li ħadd ma jista' jmeriħ li l-Floriana għandha Sindku u Kunsill Lokali u ma nistax nifhem kif jista' wieħed isejħilha subborg tal-Belt Valletta.

Il-Gran Mastru Antoine Manoel de Vilhena, il-fundatur tal-Floriana, kien isejħilha Citta' Giardino u ried li ssir parroċċa għaliha maqtugħa minn dik ta' San Pawl Nawfragu tal-Valletta. Dak iż-żmien meta post jinqata' minn post ieħor biex isir parroċċa awtomatikament kien isir belt jew raħal għalih. U hekk ġara mill-Floriana.

Il-Gran Mastru Vilhena xtaq li l-Knisja ta' Sarria ssir parroċċa iżda kellu oppożizzjoni mill-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Mons. Gaspare Mancini, għax kieku sar hekk huwa ma kienx ikollu kontroll sħiħ minħabba li Sarria kienet proprjeta' ta' l-Ordni ta' San Gwann. Madankollu, l-Isqof u l-Gran Mastru waslu fi ftehim biex tinbena knisja ġdida. L-ewwel ġebla tal-knisja tqiegħdet fit-2 ta' Awissu 1733 mill-Isqof Mons. Paolo Alpheran de Bussan fil-preżenza ta' l-istess Gran Mastru Vilhena. Aktar tard il-Knisja ta' San Publju saret Viċi Parrocca u fl-1844 Parroċċa maqtugħa għal kollox minn dik ta' San Pawlu Nawfragu tal-Valletta. Il-lokalitajiet mhux bliet ikunu x'aktarx residenzjali biss. Żgur li l-Floriana mhix waħda ta' residenti biss, fiha jinsabu tista' tgħid kull xorta ta' entitajiet importanti. Kif kelli okkażjoni nikteb f'artikoli oħra mhux facli ssemmi u tiddeskrivi dak kollu li jinsab f'beltna, għax kieku wieħed irid ħafna spazju f'din il-ħarga annwali tas-Soċjeta Filarmonika Vilhena fl-okkażjoni tal-Festa tal-Patrun tagħna San Publju imma tajjeb nagħtu ħarsa almenu lejn dawk l-aktar importanti.



Ma nkunux qed niżbaljaw meta ngħidu li hija l-Belt Kapitali Eklezjastika għax hawn tinstab il-Kurja Arċiveskovili minn fejn il-Knisja Maltija tiġi mmexxija, fejn l-Arċisqof u dawk li jgħinuħ fit-tmexxija għandhom l-uffiċini tagħhom. Mill-Floriana joħorgu l-Pastorali u direttivi lill-kappillani, kleru u l-lajċi. Fil-kumpless tal-Kurja nsibu ukoll il-Kwartieri Generali tal-Caritas, dik l-organiżżazzjoni li tagħmel tant ġid f'diversi oqsma. Qabel, dan il-bini kien is-Seminarju Arċiveskovili fejn tant saċerdoti ħadu l-formazzjoni tagħhom.

Il-Kwartieri Generali tal-Pulizija magħrufa aktar bħala id-Depot, kif kull Furjaniż jaf, jinsabu proprju quddiem il-Kurja. Filwaqt li l-Kurja hija l-qalba ta' l-amministrazzjoni Ekleżjastika, id-Depot huwa l-qalba ta' l-amministrazzjoni ta' l-ordni pubblika.

Il-MEPA, l-awtorita' li tirregola l-ambjent u bini ta' djar, fabbriki, toroq eċċ. kif ukoll l-Awtorita' tad-Djar li tipprovdi djar għall-għarajjes u għal persuni li jeħtiegu fejn joqogħdu għandhom is-sede nazzjonali tagħhom fil-lokalita' tagħna. L-istess ngħidu għall-kwantita kbira ta' ministeri u dipartimenti Governattivi, fosthom ta' l-Edukazzjoni, tat-Taxxi Interni u tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Barra minn hekk, il-Floriana tħaddan fiha numru kbir ta' uffiċini ta' assikurazzjonijiet, ta' vjaġġi, ta' aġenti tal-vapuri u ta' kummerċ. Ma jonqsux l-ambaxxati ta' l-Istati Uniti u ta' l-Italja.

Ma ninsewx l-Istitut Kattoliku, bini kbir li jiġbor fih teatru attrezzat tajjeb, il-kwartieri ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija, id-direzzjoni tal-gurnal Kattoliku



Leħen is-Sewwa, il-Moviment ta' Kana u oħrajn. Quddiem l-Istitut Kattoliku tinsab waħda mill-akbar pjazez fi bliet Ewropej, jiġifieri Pjazza San Publju, fetħa imponenti quddiem dik il-knisja maestuża dedikata lill-Ewwel Isqof u l-Ewwel Qaddis ta' Malta fejn saru, għadhom isiru u jibqgħu jsiru tant manifestazzjonijiet reliġjużi, politiċi u soċjali. Ta' min ifakkar li l-famuż kantant u kompożitur Sir Elton John ried, anzi esiġa, li l-kunċert tiegħu f'Malta, li għalih ġew nies anke minn pajjiżi oħra, isir fi Pjazza San Publju. Veru li dan il-kunċert ħoloq ċerti problemi fosthom ta' traffiku u ta' okkupazzjoni tal-pjazza bi skomodu għal dawk il-Furjanizi li jiffrekwentaw fuq il-Fosos għall-mistrieħ tagħhom filgħaxija, iżda minkejja dan kollu xorta il-Pjazza San Publju għal darb'oħra wriet il-potenzjalita' tagħha u żiedet ma' l-istorja Furjaniża.

Il-Moviment tal-Boy Scouts huwa mxerred tista' tgħid ma' kull parti tad-dinja. Il-moviment f'Malta għandu l-Kwartieri Ġenerali tiegħu fil-Floriana u nieħdu pjaċir li f'Jum il-Boy Scouts (l-ewwel Ħadd wara l-Festa ta' San Ġorġ) taqsima ta' dan il-moviment f'Malta tagħmel kull sena ic-Church Parade tagħha fil-Knisja Arcipretali ta' San Publju u l-parata annwali tibda minn Pjazza San Publju.

Illum Malta għandha l-Passenger Terminal inkluż fih id-Dwana. Dan jinsab fix-Xatt ta' Pinto, taħt is-swar mibnija minn Pietro Floriani. Huwa zball kbir li dan ix-xatt jissejjaħ Valletta Waterfront. Filfatt huwa Floriana Waterfront għaliex qiegħed fil-limiti tal-Floriana, bejn iż-żewġ tabelli tal-lokalita' Furjaniża. Il-Valletta tibda mill-uffiċċju ta' l-Awtorita' Marittima fix-Xatta ta' Lascaris 'il ġewwa lejn il-mina li tagħti għal fejn hemm il-Knisja ta' Liesse.

F'nofs il-Floriana tinsab Triq Sant'Anna, waħda mill-isbaħ toroq ta' Malta. Fiha kull sena jintemm il-Karnival Nazzjonali ta' Malta quddiem eluf ta' nies li jiġu minn kull rokna ta' Malta. Jekk wieħed ma jgħaddix min-naħa tax-xtut trid bilfors tgħaddi minnha għall-Valletta. Darbtejn għadda minnha l-Papa Gwann Pawlu II kif ukoll tant u tant personalitajiet kemm Maltin kif ukoll barranin. Żgur mhux xi triq ta' subborg.

Xi nghidu ghall-kwantita' kbira ta' monumenti fosthom ta' Kristu Re b'tifkira tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913, dak ta' l-Indipendenza, il-Monument tal-Gwerra, tal-Gran Mastru Vilhena li tant għamel ġid matul r-renju tiegħu li minnu gawdew il-Maltin mhux il-Furjanizi biss, tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm, ta' ċittadini Maltin li għamlu unur lil pajjiżhom u oħrajn.






5 Furjanizi tħajjru jipparteċipaw fit-tieni edizzjoni tal-programm televiżiv KO li kien jixxandar fuq stazzjon lokali televiżiv. Martin Galea, Dion Galea, Clayton Galea, Aaron Micallef, u Dylan Agius *(nieqes fir-ritratt)* iffurmaw team bl-isem ta' F.B.S.N. u mhux talli ppartecipaw f'isem il-Floriana iżda spiċċaw rebbieħa tat-tieni edizzjoni ta' dan il-programm. F.B.S.N. kellhom diversi sfidi li wassluhom sar-rebħ ta' dan l-unur fosthom l-ikbar pizza, l-ikbar kartolina, l-iżgħar munita u karta ta' flus, l-ikbar furketta, l-ikbar katina umana u ħafna oħrajn. Min dawn il-paġni nifirħulhom talli għamlu rebħa oħra għall Floriana u nawguravlhom il-Vjaġġ it-Tajjeb, għax Grazzi għall KO rebħu vjaġġ għall-Kroazja. Prosit u Awguri.





Monumenti ta' din ix-xorta ma ssibhomx fis-subborgi, issibhom fi bliet. Din hija prova oħra għall-argumenti tiegħi.

Waħda mill-aktar lukandi prestiġjuzi magħrufa mhux f'Malta biss izda f'diversi partijiet tad-dinja hija l-Hotel Phoenicia. Hija għadha żżomm dak il-livell sinjorili li l-proprjetarji tagħha riduha tkun meta bnewha. Hija lukanda ta' ħames stilel (de Luxe). Fi ftit taż-żmien ieħor se tiftaħ viċin tagħha l-Grand Hotel Excelsior, ukoll ta' l-istess numru ta' stilel. It-tnejn jinsabu fil-Floriana, waħda fi Triq il-Mall u l-oħra fi Triq l-Assedju l-Kbir. Minkejja li hija belt żgħira, il-Floriana għandha għaliex tiftaħar li tħaddan żewġ lukandi ta' din x-xorta.

Mhux ta' b'xejn il-Gran Mastru kien iħobb isejħilha Citta' Giardino. Fil-Floriana jinsabu mhux anqas minn disa' ġonna, fosthom l-Argotti u Il-Mall, l-aktar tnejn magħrufa mal-Maltin. Fuq is-swar li jagħtu għal fuq il-Port il-Kbir jinsabu Ġnien Vilhena, Ġnien Prezzjozi u Ġnien Re Ġorġ V (il-Playground). Fuq il-Port ta' Marsamxett hemm Ġnien Sa Maison u Ġnien il-Mistrieħ u taħt l-Argotti hemm Ġnien San Filippu. Ta' min ifakkar li l-Argotti huwa wkoll wieħed botaniku u magħruf minn ħafna studjużi barra minn Malta. **Meta tara li f'din il-lokalita' ssib tant postijiet importanti u li fiha jsiru tant avvenimenti fuq skala nazzjonali u anke internazzjonali kif ġa msemmija (u żgur se jibqgħu jsiru ħafna oħrajn) allura għandha tibqa' minn xi wħud tissejjaħ subborg? Mela s-subborgi jkunu hekk? Dan iwassalna li bir-raġun kollu l-Floriana hija BELT u le subborg.**

*S. Archipresbiteralis et Parochialis Ecclesia*
**DIVO PUBLIO EP. ET MARTYRI PRINCIPI MELITÆ**
CIVITATIS VILHENÆ VULGO FLORIANA
MELITENSIS DIŒCESEOS
DICATA

**Kopja taċ-ċertifikat tat-twelid miktub bil-Latin li kien jingħata lil dawk mgħammda fil-knisja Arċipretali ta' San Publju bil-kitba "CIVITATIS VILHENAE VULGO FLORIANA" li tfisser "L-BELT VILHENA MAGĦRUFA BĦALA FLORIANA"**